MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 891/1990/1

**Paul Galea f'ismu *proprio* u ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta Galea Tiles**

**Vs**

**Carmel Galea**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attruci *proprio et nomine* fl-ammont ta' Lm833.00,0 bilanc minn somma akbtar rapprezentanti prezz ta' madul lilu mibjugha u kkonsenjati mill-attur *proprio et nomine*, skond *statement* anness ma' l-att tac-citazzjoni Dok. "A";

Premess illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas anke permezz ta’ ittri legali, u ittri ufficjali l-konvenut baqa inadempjenti u ma hallas xejn;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u l-istanti qed jannetti ma dan l-Att affidavit (Dok. “X”) a tenur ta’ l-istess Artikolu tal-Procedura Civili;

Talab ghalhekk l-attur *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tipprocedi ghas-smiegh tal-kawza skond it-talba ta’ l-istanti, b’dispensa tas-smeigh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *proprio et nomine* is-somma ta’ tmien mija u tlietin lira (Lm830.00,0) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta’ madum lilu mibjugha u kkonsejati mill-atturi kif premess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 27 ta’ Ottubru 1988 u ittra ufficjali datata 18 ta’ Frar 1989 bl-imghax mid-data tal-konsenja datata 28 ta’ Jannar 1988, u bl-ispejjez tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma’ dan l-att sa l-effettiv pagament;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet moghti fit-12 ta’ Ottubru 1990 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *proprio et nomine*, billi fl-ewwel lok ma kienx hemm l-elementi rikjesti mil-ligi biex il-kawza titmexxa bid-dispensa tas-smiegh;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-attur *proprio et nomine* ma kienx dovut peress li l-madum konsenjat ma kienx ta' kwalita` u kalibru ghal dak pattwit, anzi rrizulta li kien ta' natura skadenti, u ghalhekk ma kienx accettabbli;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-15 ta' Jannar 1991 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju AIC David Pace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, warali jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit gudizzjarju li tinsab a fol. 49 *et sequitur* u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'dan il-kaz ghat-talba tad-ditta attrici ghal pagament ta' dak dovut lilha ghal manifattura u konsenja ta' partita ta' madum maghruf bhala marmattone, l-konvenut, oltre eccezzjoni li proceduralment giet sorvolata billi gie ammess jintavola eccezzjonijiet, iddefenda ruhu billi sostna li l-materjal konsenjat ma kienx ta' kwalita` u kalibru ghal dak pattwit;

Din id-difiza li tista' titqajjem ukoll in via di eccezzjoni tinkwadra ruhha fid-dispost ta' l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili. Disposizzjoni din li tillustra b'mod specifiku kif kellu jagixxi l-kumpratur li ma jkunx sodisfatt bl-oggett li l-venditur jikkonsenjalu;

Tajjeb li jigi rilevat hawn illi fuq l-interpretazzjoni ta' dan id-dispost tal-ligi s-sentenzi tal-Qrati taghna ma humiex ghal kollox konkordi. Hemm dawk li affermaw li din l-azzjoni jew eccezzjoni ma tistax tigi sostenuta wara r-recezzjoni tal-konsenja (**Vol. XVIII P III p 59; Vol. XX P I p 273** u **Vol. XXI P I p 399**). U hemm ohrajn li jghidu li din hi ammessa kemm jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja tal-haga kemm jekk le (**Vol. XXXIX p 250; Vol. XXXVIII P II p 688; Vol. XXVI P I p 193**);

Ghall-ezami aktar ampju tas-suggett issir referenza ghad-decizjoni magistrali ta' l-gharef Imhallef Maurice Caruana Curran fil-kawza "**Emmanuele Calleja -vs- Joseph Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Gunju 1965. Liema decizjoni b'analisi meqjusa ittendi biex issegwi l-hsieb li l-artikolu tal-ligi in ezami ma japplikax wara li l-konsenja tkun giet ricevuta;

Minn aspett iehor, riferibilment ghat-trasferiment tal-proprjeta u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi "meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-*periculum rei perditae* ("**Francesco Zammit -vs- Celest Spiteri**", Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953);

Mir-ricerka kondotta mill-Qorti jidher li saz-zminijiet recenti l-Qorti ta' l-Appell segwit it-tifsira adottata f'dawk il-gudikati li rritenew li biex ix-xerrej jehles mir-rabta kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` imwieghda, hu kellu jirrifjutah jew

materjalment jew billi jiddepozitah taht l-Awtorita` tal-Qorti. ("**Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino *nomine* -vs- Pauline Buhagiar *nomine***", Appell, 28 ta' April 2000). Naturalment skond l-istess termini ta' l-artikolu tal-ligi, seta' wkoll jaghzel li jaccettah u jhallas prezz anqas ghalih fuq stima ta' perit;

Kif issokta jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**John Mary Dalli *nomine* -vs- Grezzju Patiniott**", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "din kienet difiza li l-kompratur seta' javanza ukoll *per via di eccezione* jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita`. Mill-banda l-ohra jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, l-kompratur ikun qieghed jippregudika irremedjabilment il-posizzjoni tieghu";

F'dak il-kaz il-konvenut utilizza l-konkos li gie konsenjat lilu u kien biss meta zviluppaw id-difetti fih, u meta allura hu rrealizza li ma kienx tal-kwalita` pattwita, li ddecieda li jnehhih u ma jhallasx ghalih. Ghall-Qorti "il-fatt li l-kompratur utilizza l-oggett minnu mixtri u mpjegah ghall-iskop li ghalih gie akkwistat, poggih, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fl-impossibilita` li jikkonsenja lura l-oggett.";

Il-fattispecie tal-kaz taht konsiderazzjoni huma konsimili, f'bosta aspetti, ghal materja tal-gudikat appena riferit;

Jirrizulta li bejn il-kontendenti kien hemm appattwit illi d-ditta attrici tikkonsenja lill-konvenut partita ta' madum tat-tip marmettone skond kampjun xelt mill-istess konvenut. L-ordni giet manifatturata u skond il-konvenut, il-konsenja saret xi granet wara. Fil-mument tal-konsenja l-konvenut ma kienx fil-post, ghalkemm kien hemm martu u l-madum thalla stivat fis-sular ta' isfel ta' l-istess post fejn kellu jitqieghed. Fil-fatt dan tqieghed xi gimgha wara li saret il-konsenja. Kien wara t-tqeghid u gie applikat il-lostru illi l-konvenut intebah li kellu qsim u li kiellu tliet kuluri differenti u mhux tnejn kif hekk kellu l-kampjun li kien ordna fuqu;

Mill-provi akkwiziti jridu jsiru wkoll dawn l-osservazzjonijiet:-

I. Qabel ma gie imqieghed il-konvenut ma ezaminax il-madum;

II. L-ghorik u l-lostru saru minn nies inkarigati mill-konvenut innifsu;

III. Il-perit tekniku stabilixxa illi l-madum kien fih qsim sija fis-siment sija fil-bicciet ta' l-irham li huwa kompost minnu (paragrafu 17 tar-relazzjoni);

IV Id-ditta attrici kienet offriet lill-konvenut li timlielu x-xquq billi dawn jigu stukkjati bis-siment u l-madum jerga jinghorok u jigi llostrat. Din l-offerta ma gietx accettata mill-konvenut ghar-raguni li fil-post kellu l-familja u ma riedx hmieg fid-dar;

V. Fil-fehma tal-perit relatur id-difett riskontrat bil-qsim huwa normali u jista' jigi rimedjat billi l-madum jigi stokkjat u llostrat. Xoghol dan li normalment ghandu jsir mill-persuna li tkun hadet hsieb il-lostru;

Ghall-finijiet tal-kawza huwa wkoll importanti hafna li jigi notat illi cionostante l-lanjanzi tieghu l-konvenut xorta wahda obbliga ruhu, b'dikjarazzjoni iffirmata minnu, dwar il-modalita` tal-hlas. Dokument "A3" esebit a fol. 77 datat Novembru 1988, jevidenzja dan;

Tinsorgi wehidha d-domanda, ravvizata mill-perit tekniku f'paragrafu 18 tar-rapport tieghu, "il-ghala ffirma dikjarazzjoni illi biha obbliga ruhu illi jhallas is-somma intiera b'rati mensili jekk hu diga` kien jaf bid-difetti u ma kienx lest li jaccettahom";

F'dan il-kuntest it-twegiba tal-konvenut ma hi xejn konvincenti. Jekk kif mistqarr minnu mohhu ma kienx qed jahdem tajjeb messu ha hsieb idewwieh. Id-dikjarazzjoni kienet wahda volontarja u ma jidhrix li sar xi kostringiment fuqu biex jiffirmaha. Fil-fatt din ma gietx minnu impunjata bl-ebda mod u ghalhekk iggorr il-piz probatorju taghha;

Issa filwaqt li l-ligi timponi fuq il-venditur l-obbligu tal-kunsinna ta' l-oggett pattwit u l-obbligu li jiggarantixxi l-haga mibjugha (Artikolu 1378 tal-Kodici Civili), il-konvenut kellu x-xelta f'dak mahsub fl-Artikolu 1390 surreferit. Rimedju moghti lilu fil-mument tal-konsenja u hekk intiz biex jissalvagwardjah u jakkordalu l-opportunita` li jirrecedi mill- bejgh. Hekk ukoll il-ligi offrietlu rimedju iehor b'xi wahda mill-azzjonijiet redibitorji (Artikolu 1424) u dan in via ta' azzjoni di fronte ghall-venditur (**Vol. XXIX P III p 51**). Dan l-ahhar rimedju ma giex utilizzat minnu u dak l-iehor minnu eccepit ma giex adoperat sew skond il-principji interpretattivi akkordata lill-Artikolu 1390;

Fic-cirkostanzi l-ligi timponi b'obbligu fuq ix-xerrej li jghaddi ghal hlas. Dan kif jippreciza l-Artikolu 1346 tal-Kodici Civili bl-uzu tal-kliem "jintrabat li jhallas".

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji t-Tieni Domanda attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u tletin lira Maltija (Lm830) bilanc minn ammont akbar rapprezentanti bejgh ta' madum lilu mibjugh u kkonsennjat, bl-imghaxijiet mid-data ta' ittra ufficjali tat-18 ta' Frar 1989;

In vista li l-konvenut gie konsentit jipprezenta eccezzjonijiet, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-Ewwel Domanda attrici.

L-ispejjez kollha tal-kawza huma a kariku tal-konvenut sokkombenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------